



KUNSILL EWROPEW

Brussell, 26 ta' Marzu 2010

EUCO 7/10

**CO EUR 4
CONCL 1**

NOTA TA' TIFSIR

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW
25/26 TA' MARZU 2010**

KONKLUŻJONIJIET

Id-delegazzjonijiet ser isibu mehmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (25/26 ta' Marzu 2010).

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-istrateġija l-ġdida tal-Unjoni Ewropea għall-impjiegi u t-tkabbir. Huwa qabel dwar l-elementi ewlenin tagħha, inklużi l-miri ċentrali li ser jiggwidaw l-implimentazzjoni u l-arranġamenti tagħha għall-monitoraġġ imtejjeb tagħha. Il-kapijiet ta' Stat jew ta' gvern kellhom ukoll skambju ta' fehmiet dwar il-kompetittività, aspett kritiku tal-prospetti tat-tkabbir tal-Ewropa, u ddiskutew l-istat tat-tnejjija għas-Summit li jmiss tal-G20. Dwar it-tibdil fil-klima, il-Kunsill Ewropew qabel li issa huwa meħtieġ li tingħata dinamika ġdida lin-negozjati u identifika l-passi li jmiss.

I. EWROPA 2020: STRATEĠIJA EWROPEA ĠDIDA GĦALL-IMPJIEGI U T-TKABBIR

1. Tul l-aħħar sentejn, iffaċċjajna l-aġhar kriżi ekonomika fid-dinja mis-snin tletin 'l hawn. Din il-kriżi reġġgħet lura ħafna mill-progress miksub mis-sena 2000. Issa qegħdin niffaċċjaw livelli eċċessivi ta' dejn, tkabbir strutturali kajman u rata għolja ta' qgħad. Is-sitwazzjoni ekonomika qed titjeb, iżda r-rilanċ għadu dgħajfef.
2. Ir-restawr tal-istabbiltà makroekonomika u r-ritorn tal-finanzi pubbliċi fi triq sostenibbli huma prerekwiżiti għat-tkabbir u l-impjiegi. Kif ġie maqbul f'Diċembru 2009, il-ħruġ mill-miżuri eċċezzjonali ta' sostenn adottati biex tiġi miġġielda l-kriżi, ladarba r-rilanċ ikun kompletament sigur, ser ikun importanti f'dak ir-rigward.
3. Huma essenzjali riformi strutturali għal rilanċ b'saħħtu u sostenibbli u biex tiġi ppreservata s-sostenibbiltà tal-mudelli soċjali tagħna. L-impjiegi u l-benessri soċjali huma fir-riskju. Jekk ma neħdux azzjoni, l-Ewropa ser tibqa' lura. Ir-responsabbiltà tal-Kunsill Ewropew hi li juri t-triq 'il quddiem.
4. L-UE teħtieġ strateġija ġdida, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-linji ta' politika ekonomika, sabiex twassal aktar tkabbir u impjiegi. B'segwitu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" u għad-diskussjonijiet li saru fil-Kunsill, il-Kunsill Ewropew qabel dwar l-elementi li ġejjin ta' din l-istrateġija l-ġdida, li ser tiġi adottata formalment f'Ġunju.

5. Jeħtieġ li l-isforzi tagħna jkunu ffokati aħjar sabiex tingħata spinta lill-kompetittività, il-produttività, lill-potenzjal ta' tkabbir u lill-konverġenza ekonomika tal-Ewropa:
- a) L-istrateġija l-għdida ser tiffoka fuq l-oqsma ċentrali fejn hija meħtieġa azzjoni: għarfien u innovazzjoni, ekonomija aktar sostenibbli, rata għolja ta' impjegi u inklużjoni soċjali.
- b) Il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-miri ewlenin li ġejjin, li jikkostitwixxu l-oġġettivi kondiviżi li jmexxu l-azzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni:
- li wieħed jimmira biex ir-rata tal-impjegi għan-nisa u l-irġel ta' bejn l-20 u l-64 sena tasal sa 75%, inkluż permezz tal-parteciġazzjoni akbar taż-żgħażaġh, tal-ħaddiema aktar avvanzati fl-età u tal-ħaddiema bi ftit kwalifiki u permezz tal-integrazzjoni aħjar tal-migranti legali;
 - li jittejbu l-kondizzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp, b'mod partikolari bl-għan li l-livelli magħquda ta' investiment pubbliku u privat f'dan is-settur jitwasslu għal 3% tal-PDG; il-Kummissjoni ser tfassal indikatur li jirrifletti l-intensità tar-R&Ż u tal-innovazzjoni;
 - li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'20% meta mqabbla mal-livelli tal-1990; li jiżdied għal 20% l-proporzjon ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum totali tal-enerġija; u li noqorbu lejn żieda ta' 20% f'użu aktar effiċjenti tal-enerġija;
l-UE hija impenjata li tieħu deċiżjoni li tasal għal tnaqqis ta' 30% sal-2020 meta mqabbel mal-livelli tal-1990, bħala l-offerta kondizzjonali tagħha bil-ħsieb ta' ftehim globali u komprensiv għall-perijodu wara l-2012, dment li l-pajjiżi żviluppanti l-oħra jimpenjaw ruħhom għal tnaqqis komparabbli fl-emissjonijiet u li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkontribwixxu adegwament skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom;
 - li jittejbu l-livelli tal-edukazzjoni, b'mod partikolari billi wieħed jimmira li jnaqqas ir-rata ta' persuni li joħorġu kmieni mill-iskola u billi jiżdied il-proporzjon tal-popolazzjoni li jikseb livell ta' edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti; b'kont meħud tal-proposta tal-Kummissjoni, f'Ġunju 2010 l-Kunsill Ewropew ser jistabbilixxi r-rati numeriċi ta' dawn il-miri;
 - li tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-faqar. Hi meħtieġa aktar ħidma fuq indikaturi adatti. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2010.

Dawn il-miri jkopru l-oqsma ewlenin fejn l-isforzi huma meħtieġa b'mod rapidu. Dawn huma relatati ma' xulxin u jsaħħu lil xulxin. Huma ser jgħinu biex jitkejjel il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-istrateġija. Filwaqt li xi wħud minn dawn il-miri huma riflessi fil-leġislazzjoni tal-UE, l-oħrajn mhumiex ta' natura regolatorja u ma jimplikawx kondivizzjoni tal-piż; huma jirrappreżentaw għan komuni li għandu jiġi segwit permezz ta' azzjoni fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.

- c) Fid-dawl tal-miri ewlenin, l-Istati Membri ser jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom, b'kont meħud tal-pożizzjonijiet ta' tluq u ċ-ċirkostanzi nazzjonali relattivi tagħhom. Huma se jagħmlu dan skont il-proċeduri nazzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom, fi djalogu mal-Kummissjoni sabiex tiġi vverifikata l-konsistenza mal-miri ewlenin tal-UE. Ir-riżultati ta' dan id-djalogu ser ikunu eżaminati mill-Kunsill sa Ġunju 2010.
- d) L-istrateġija l-ġdida ser tindirizza l-ostakoli ewlenin li jfixklu t-tkabbir fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, inklużi dawk relatati mal-funzjonament tas-suq intern u l-infrastruttura.
- e) L-Istati Membri ser ifasslu Programmi Nazzjonali ta' Riforma li jistabbilixxu fid-dettall l-azzjonijiet li ser jieħdu biex jimplimentaw l-istrateġija l-ġdida, b'enfasi partikolari fuq l-isforzi biex jintlaħqu l-miri nazzjonali kif ukoll fuq miżuri biex jitneħħew l-ostakoli li jfixklu t-tkabbir fil-livell nazzjonali.
- f) Il-Kummissjoni ser tiżviluppa iktar u tippreżenta lill-Kunsill l-azzjonijiet li hi tipproponi li tiegħu fil-livell tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-inizjattivi prominenti.

- g) Ser ikun meħtieġ li l-linji politiċi komuni kollha, inkluża l-politika agrikola komuni u l-politika ta' koeżjoni, jappoġġaw l-istrateġija. Settur agrikolu sostenibbli, produttiv u kompetittiv ser jagħmel kontribut importanti għall-istrateġija l-ġdida, meta jitqies il-potenzjal tat-tkabbir u l-impjiegi taż-żoni rurali filwaqt li tkun żgurata kompetizzjoni ġusta. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll tal-iżvilupp tal-infrastruttura sabiex isir kontribut għas-suċċess tal-istrateġija l-ġdida.
 - h) L-istrateġija ser tinkludi dimensjoni esterna b'saħħitha, biex jiġi żgurat li strumenti u linji ta' politika tal-UE jiġu skjerati biex jipromovu l-interessi u l-pożizzjonijiet tagħna fix-xena globali permezz ta' parteċipazzjoni fi swieq miftuħa u ġusti fid-dinja kollha.
6. Mekkaniżmi ta' monitoraġġ effiċjenti huma fundamentali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġija:
- a) Filwaqt li jibni fuq il-monitoraġġ mill-Kummissjoni u l-ħidma magħmula fil-Kunsill, il-Kunsill Ewropew, darba fis-sena, ser iwettaq valutazzjoni ġenerali tal-progress miksub kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija. L-iżvilupp tal-produttività huwa indikatur essenzjali tal-progress. Ser jiġu kkunsidrati fl-istess ħin l-iżviluppi makroekonomiċi, strutturali u fil-kompetittività, flimkien mal-valutazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja ġenerali, abbażi ta' kontribut mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku.
 - b) Il-Kunsill Ewropew ser ikollu dibattiti fuq bażi regolari dwar l-iżviluppi ekonomiċi u l-prijoritajiet prinċipali tal-istrateġija. F'Ottubru 2010, ser jiddiskuti r-riċerka u l-iżvilupp, fejn b'mod partikolari ser jagħti ħarsa lejn kif tista' tingħata spinta lill-potenzjal ta' innovazzjoni tal-Ewropa fid-dawl tal-isfidi attwali. Kmieni fl-2011, ser jiddiskuti l-politika dwar l-enerġija, inkluż kif tista' tappoġġa bl-aħjar mod il-bidla lejn ekonomija aktar effiċjenti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u aktar sigurtà tal-provvista.

- c) Il-koordinazzjoni ġenerali tal-politika ekonomika ser tissaħħaħ permezz ta' użu aħjar tal-istrumenti previsti mill-Artikolu 121 tat-Trattat (TFUE).
- d) Ser tissaħħaħ il-koordinazzjoni fil-livell taż-żona tal-euro sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li qed tiffaċċja ż-żona tal-euro. Sa Ġunju 2010, il-Kummissjoni ser tippreżenta proposti f'dak ir-rigward, filwaqt li tuża l-istrumenti l-ġodda għall-koordinazzjoni ekonomika offruti mill-Artikolu 136 tat-Trattat (TFUE).
- e) L-UE jeħtieġ li tiffoka fuq l-isfidi urġenti tal-iżviluppi fil-kompetittività u l-bilanċ tal-ħlasijiet. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'Ġunju 2010.
- f) Iż-żmien meta jsiru r-rapporti u l-valutazzjonijiet tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza għandu jkun allinjat aħjar, sabiex tissaħħaħ il-konsistenza ġenerali ta' konsulenza ta' politika lill-Istati Membri. Madankollu dawn l-istrumenti ser jinżammu separati b'mod ċar. L-integrità tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi ppreservata totalment, hekk kif ser tiġi ppreservata r-responsabbiltà speċifika tal-Kunsill ECOFIN fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu.
- g) Djalogu mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni ser jgħin biex tizzied il-kwalità tas-sorveljanza u biex jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar prattika. Dan jista' jinkludi t-tlaqqiġ ta' esperti mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jeżaminaw mill-ġdid is-sitwazzjoni.

- h) L-iżgurar tal-kwalità, l-affidabbiltà u l-puntwalità tad-data statistika pprovduta mill-uffiċċji ta' statistika nazzjonali ser ikunu ta' importanza ċentrali biex ikun żgurat monitoraġġ kredibbli u effettiv. Hi meħtieġa deċiżjoni rapida rigward il-proposti tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.
- i) Ser tinżamm kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet oħra tal-UE. Ser jiġu involuti l-parlamenti nazzjonali, l-imsieħba soċjali, ir-regġuni u partijiet oħra interessati sabiex tiżdied ir-responsabbiltà għall-istrateġija.



- 7. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-President tal-Kunsill Ewropew biex, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jistabbilixxi task force b'rappreżentanti tal-Istati Membri, il-presidenza b'rotazzjoni u l-BĊE, biex qabel tmiem din is-sena jippreżenta lill-Kunsill il-miżuri meħtieġa biex jintlaħaq l-oġettiv ta' qafas imtejjeb għar-riżoluzzjoni ta' kriżijiet u dixxiplina baġitarja aħjar, fejn jiġu esplorati l-alternattivi kollha u jiġi rinfurzat il-qafas legali.
- 8. Hu meħtieġ progress rapidu rigward it-tisħiħ tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni finanzjarja kemm fl-UE kif ukoll f'fora internazzjonali bħall-G20, filwaqt li jkunu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-livell globali. Il-progress hu partikolarment meħtieġ rigward kwistjonijiet bħar-reqwiziti ta' kapital; l-istituzzjonijiet sistemiċi; l-istrumenti ta' finanzjament għall-ġestjoni ta' kriżijiet; iż-żieda tat-trasparenza fis-swieq tad-derivattivi u l-konsiderazzjoni ta' miżuri speċifiċi fir-rigward ta' credit default swaps sovrani; u l-implimentazzjoni ta' prinċipji miftehma fil-livell internazzjonali għal bonusijiet fis-settur tas-servizzi finanzjarji. Il-Kummissjoni dalwaqt ser tippreżenta rapport dwar sorsi innovattivi possibbli ta' finanzjament bħal imposta globali fuq transazzjonijiet finanzjarji.

9. Dan jirrikjedi li l-UE tagħmel progress rapidu dwar dawn il-kwistjonijiet kollha internament. B'mod partikolari, jeħtieġ li tiġi konkluża l-ħidma fuq il-qafas superviżorju Ewropew il-ġdid fil-waqt sabiex il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u t-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jibdew jaħdmu kmieni fl-2011.
10. Il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jirrapportaw lura dwar dawn il-kwistjonijiet lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2010, qabel is-Summit ta' Toronto.

II. TIBDIL FIL-KLIMA: NERĠĠHU NIFFOKAW L-ISFORZI TAGĦNA WARA KOPENĦAGEN

11. Ftehim legali globali u komprensiv jibqa' l-uniku mod effettiv biex jintlaħaq l-oġjettiv miftiehem li wieħed jibqa' taħt iż-żieda ta' 2°C fit-temperaturi globali meta mqabbel mal-livelli pre-industrijali. Abbażi tal-konklużjonijiet li laħaq il-Kunsill fil-15 u s-16 ta' Marzu 2010, u filwaqt li tittieħed nota tal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2010, issa jeħtieġ li l-proċess ta' negozjar internazzjonali jingħata dinamika ġdida.
12. Għandu jiġi segwit approċċ gradwali, li jibni fuq il-Qbil ta' Kopenhagen, li għandu jiġi implimentat b'mod rapidu:
 - a) Bħala l-ewwel pass, il-laqgħat li jmiss f'Bonn għandhom jistabbilixxu l-pjan direzzjonali biex jitmexxew 'il quddiem in-negozjati. Wieħed għandu jiffoka fuq l-integrazzjoni tal-gwida politika tal-Qbil ta' Kopenhagen fid-diversi testi ta' negozjar.
 - b) Il-COP-16 f'Cancun għandha mill-inqas tipprovdi deċiżjonijiet konkreti li jorbtu fis-sod il-Qbil ta' Kopenhagen mal-proċess ta' negozjar tan-NU u jindirizzaw in-nuqqasijiet li fadal, inkluż rigward l-adattament, il-forestrija, it-teknoloġija u l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika.

13. L-UE tinsab lesta tagħmel il-parti tagħha f'dan il-proċess:
- a) L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimplementaw l-impenn tagħhom biex jipprovdu EUR 2,4 biljun kull sena tul il-perijodu 2010-2012 għal finanzjament rapidu, flimkien ma' kontribuzzjonijiet minn atturi ewlenin oħra u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Qbil ta' Kopenhagen. L-implimentazzjoni rapida ta' dan l-impenn ser tkun kruċjali. Għal dak il-għan, l-UE ser tibda konsultazzjonijiet dwar modi prattiċi għall-implimentazzjoni ta' finanzjament rapidu f'oqsma speċifiċi. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippreżentaw deskrizzjoni preliminari tas-sitwazzjoni attwali tal-impenji tagħhom fis-sessjoni ta' Mejju/Ġunju 2010 tal-UNFCCC u jippreżentaw rapporti koordinati dwar l-implimentazzjoni f'Cancun u wara dan fuq bażi annwali.
 - b) L-UE u pajjiżi żviluppati oħra impenjaw ruħhom biex flimkien jimmobilizzaw USD 100 biljun kull sena sal-2020 biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-għieda kontra t-tibdil fil-klima. Jeħtieġ li wieħed iħares lejn il-kontribuzzjonijiet finanzjarji fit-tul fil-kuntest ta' azzjonijiet sinifikanti u trasparenti li għandhom jittieħdu minn pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jittaffa t-tibdil fil-klima kif ukoll il-bilanċ ġenerali tal-isforz globali biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima.
 - c) Il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat sew għall-proċess tal-UNFCCC. Huwa jappoġġa l-isforzi li għaddejjin biex dan isir aktar effettiv. Minħabba ż-żmien qasir disponibbli qabel Cancun, dan il-proċess jista' jiġi kkomplementat u appoġġat b'mod utli permezz ta' diskussjonijiet f'sitwazzjonijiet oħra u dwar kwistjonijiet speċifiċi.
 - d) L-UE ser issaħħaħ l-involvement tagħha f' pajjiżi terzi. Hi ser tagħmel dan billi tindirizza t-tibdil fil-klima fil-laqgħat reġjonali u bilaterali kollha, inkluż fil-livell tas-summit, kif ukoll f'fora oħra bħall-G20. Il-Presidenza u l-Kummissjoni ser jidħlu f'konsultazzjonijiet attivi ma' msieħba oħra u jirrapportaw lura b'mod rapidu lill-Kunsill.

e) Jeħtieġ li l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni, inkluż ma' msieħba industrijalizzati, jiġu sfruttati f'oqsma bħat-teknoloġiji u n-normi ekoloġiċi u t-tekniki ta' verifika. L-interessi komuni ma' pajjiżi emerġenti rigward kwistjonijiet li jista' jkollhom influwenza fid-dibattitu dwar it-tibdil fil-klima għandhom jiġu identifikati b'mod rapidu.

14. Hemm htega urġenti biex jitreġġgħu lura x-xejriet kontinwi ta' telf ta' bijodiversità u degradazzjoni ta' ekosistemi. Il-Kunsill Ewropew huwa impenjat għall-viżjoni fit-tul għall-2050 dwar il-bijodiversità u l-mira għall-2020 stabbilita fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2010.

◦
◦ ◦

15. Il-President tal-Kunsill Ewropew ħabbar li ser isejjaħ laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew f'Settembru 2010, fil-preżenza tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin, sabiex jiddiskuti kif l-Unjoni jista' tkun impenjata aħjar mal-imsieħba strateġiċi tagħha rigward kwistjonijiet globali.

◦
◦ ◦

Il-Kunsill Ewropew ħatar lis-Sur Vitor Constancio bħala Viċi President tal-BĊE.

Huwa approva wkoll l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna.

STRATEĠIJA EWROPEA ĠDIDA GĦALL-IMPJIEGI U T-TKABBIR

IL-PASSI LI JMISS

- a) B'kont meħud tal-miri ewlenin tal-UE, il-Kummissjoni ser tippreżenta b'mod rapidu, f'konformità mat-Trattat, il-proposti tagħha għal linji gwida integrati aktar iffokati, inklużi l-linji gwida dwar l-impjiegi u l-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika. Il-linji gwida ser jiġu diskussi mill-Kunsill sabiex, wara li jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet oħra rigward il-linji gwida dwar l-impjiegi, dawn jistgħu jiġu approvati mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2010.
- b) L-ostakoli ewlenin li jfixklu t-tkabbir fil-livell tal-UE qed jiġu identifikati mill-Kummissjoni u ser jiġu diskussi mill-Kunsill; l-istess ser jagħmlu l-Istati Membri fil-livell tagħhom, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2010 ser jagħmel bilanċ ta' din il-ħidma, sabiex ikun jista' jittieħed kont tagħha meta jitfasslu l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.
- c) Il-miri nazzjonali, kif imniżżlin fil-paragrafu 5c) ta' dawn il-konklużjonijiet, għandhom jiġu ppreżentati fil-ħin biex jittieħed kont tagħhom fit-tfassil tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.
- d) F'din l-ewwel sena tal-istrateġija l-ġdida, l-Istati Membri ser jippreżentaw il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom fil-ħarifa 2010, fejn jistabbilixxu fid-dettall l-azzjonijiet li ser iwettqu biex jimplimentaw l-istrateġija. Dawn għandhom ikunu appoġġati bis-sħiħ billi jiġu mobilizzati l-istrumenti rilevanti kollha tal-UE, inkluż strumenti innovattivi ta' finanzjament f'kooperazzjoni mal-Grupp tal-BEI, bħala inċentivi għar-riforma.

- e) Sa Ottubru 2010, il-Kummissjoni ser tippreżenta l-azzjonijiet meħtieġa fil-livell tal-UE biex tiġi implimentata l-istrategġija l-ġdida, b'mod partikolari permezz tal-inizjattivi prominenti.

- f) Il-Kunsill ser jallinja aħjar iż-żminijiet tal-proċessi bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza ġenerali tal-konsulenza ta' politika lill-Istati Membri.
